MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2018

Rikors Maħluf Numru 1125/17LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***vs.***

**Victor u Nadia miżżewġin Schembri (K.I. numri 148177 (M) u 606881 (M)**

**Il-Qorti,**

Permezz ta' din il-kawża li ġiet ippreżentata fl-14 ta' Diċembru, 2017, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob għar-raġunijiet dedotti fir-Rikors Maħluf tagħha:

1. Dikjarazzjoni li l-konvenuti Victor u Nadia miżżewġin Schembri (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulati fl-iskritturi privati Dokumenti "A", "B" u "C" annessi mar-Rikors Maħluf; (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati, u/jew, (ċ) kien hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti Victor u Nadia miżżewġin Schembri li jipperikolaw jew

jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.

2. Tikkundanna lill-konvenuti Victor u Nadia miżżewġin Schembri jħallsu flimkien *in solidum* lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlieta u erbgħin elf u sitta u tletin Euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€43,036.41) bilanċ għad-debitu fil-*"Loan, Overdraft u Credit Card Loan Accounts"* ta' Victor u Nadia miżżewġin Schembri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D", Dok "E1 sa E2" u Dok "F1 sa F10") flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-29 ta' Novembru, 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Din il-kawża tittratta faċilitajiet bankarji li s-soċjetà attriċi Bank of Valletta p.l.c. kienet ikkonċediet lill-konvenuti Victor u Nadia miżżewġin Schembri permezz ta' tliet skritturi privati datati 9 ta' Mejju, 2013, 15 ta' Marzu, 2014 u 21 ta' Mejju, 2015 rispettivament. Is-soċjetà attriċi tikkontendi li tinsab kreditriċi ta' Victor u Nadia miżżewġin Schembri fis-somma ta' tlieta u erbgħin elf u sitta u tletin Euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€43,036.41) bilanċ għad-debitu fil-*"Loan, Overdraft u Credit Card Loan Accounts"* flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-29 ta' Novembru, 2017 sad-data tal-effettiv pagament stante li l-konvenuti Victor u Nadia miżżewġin Schembri (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulati fl-iskritturi privati Dokumenti "A", "B" u "C" annessi mar-Rikors Maħluf; (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati, u/jew, (ċ) kien hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti Victor u Nadia miżżewġin Schembri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi dovut lis-soċjetà attriċi.

Permezz ta' nota ppreżentata fir-Reġistru fl-14 ta' Frar, 2018 il-konvenuti Victor u Nadia miżżewġin Schembri ammettew it-talbiet kif magħmula mis-soċjetà attriċi Bank of Valletta p.l.c. fir-Rikors Maħluf tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attrici u tikkundanna lill-konvenuti Victor u Nadia miżżewġin Schembri sabiex iħallsuha flimkien *in solidum* is-somma ta' tlieta u erbgħin elf u sitta u tletin Euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€43,036.41) flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-29 ta' Novembru, 2017 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 30 ta' Marzu, 2016 u tal-Mandat ta' Sekwestru li ġie ppreżentat kontestwalment mar-Rikors Maħluf, kontra l-konvenuti.**

Moqrija.